

Brussell, 6 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10862/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0137 (NLE)

WTO 180
AGRI 338
UD 155
COASI 178

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Fit-22 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja matul l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, flimkien ma' proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.

¹ Dok. 10655/17 WTO 142 AGRI 353 UD 165 COASI 76 + ADD 1.

² Dok. 10656/17 WTO 143 AGRI 354 UD 166 COASI 77 + ADD 1.

2. Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jidher fid-dokument 10670/17 WTO 145 AGRI 357 UD 168 COLAC 79, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim ma' New Zealand ġie ffirmat fit-13 ta' Marzu 2018.
4. Fl-4 ta' Lulju 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fis-6 ta' Lulju 2018, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 10670/17 WTO 145 AGRI 357 UD 168 COASI 79;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ Dok. 10669/17 WTO 144 AGRI 356 UD 167 COASI 78 (ippubblikat fil-ĠU L 191, 22.7.2017, p. 1).

⁴ Dok. 10672/17 WTO 146 AGRI 358 UD 169 COASI 80.